31999R1602

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1602/1999

tad-19 ta' Lulju 1999

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2597/97 li jistabbilixxi regoli addizzjonali dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib tal-ħalib għax-xorb

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi l-Artikolu 4(d) tar-Regolament (KE) Nru 2597/97 ([3]) jistabilixxi li l-ħalib għax-xorb għandu jkollu kontenut ta' materja xotta mingħajr xaħam ta' 8,50 % (m/m) jew aktar għal ħalib li jkun fih 3,5 % (m/m) ta' xaħam jew kontenut ekwivalenti fil-każ ta' ħalib li jkun fih kontenut differenti ta' xaħam; billi nstab li l-ħalib mhux maħdum f'ċerti Stati Membri ma jiksibx ir-rata speċifikata għal parti mis-sena jew għas-sena kollha; dik is-sitwazzjoni tista' tqiegħed fil-periklu l-provvisti ta' ħalib għax-xorb f'ċerti reġjuni fil-Komunità; minħabba r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) ta' l-imsemmi Regolament rigward il-modifika tal-materja xotta mingħajr xaħam tal-ħalib u l-ħtiġiet addizzjonali oħra stabiliti fl-Artikolu 4 ta' l-imsemmi Regolament, l-Artikolu 4(d) għandu jkun imħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 1999,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 4(d) tar-Regolament (KE) Nru 762/94 hu b'dan imħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

K. HEMILÄ

([1]) ĠU C 70, tat-13.3.1999, p. 14.
([2]) L-Opinjoni mogħtija nhar l-14 ta' April 1999 (għadha mhix ippublikata fl-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 351, tat-23.12.1997, p. 13.